A.L. 208 ta' l-1996

ATT TA' L-1994 DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (ATT NRU. XIV TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għal Liċenza fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment, il-Ministru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi, bil-parir taċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għal Licenza fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar Drittijiet għal Liċenza fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 7 ta' l-1995.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1997.

Tissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolamenti prinċipali, minflok l-Iskeda li tinsab magħhom, għandu jidħol dan li ġej:

"SKEDA

(Regolament 3)

Drittijiet għal-Liċenza

L-Ewwel Kolonna	*It-Tieni Kolonna* Dritt għal Applikazzjoni Lm	*It-Tielet Kolonna* Dritt ta' Kull Sena Lm
(a) Liċenza għal Servizzi ta' Investiment		
Kategorija 1	250	400
Kategorija 2	300	600
Kategorija 3	500	1000
Kategorija 4	1000	2000

(b)	Skemi ta` Investiment Kollettiv Skema.....	650	700
	Sa hmistax il-*sub-fund* (għal kull *sub-fund*)	125	125
	Sittax il-*sub-fund* u iktar (għal kull *sub-fund*)	75	75
(ċ)	Skemi ta' Investiment Kollettiv – (Mwaqqfa jew stabbiliti b'mod ieħor li ma jkunx skond il-liġijiet ta' Malta u li ma jkunu jwettqu ebda attivita' ġewwa Malta jew minn Malta ħlief ħekk kif jista' jkun meħtieġ biex jiżguraw l-elenkar tat-titoli tagħhom mal-Borża ta' Malta u stadji oħra anċillari ħekk kif jistgħu jenħtieġu biex jitħarsu jew jitkomplew jitwettqu l-ħtiġijiet tal-elenkar speċifikati fil-liġijiet sussidjarji li jistgħu isiru skond ma hemm fl-artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, Kap. 345).		
	Skema	350	350
	Sa ħmistax il-*sub-fund* (għal kull *sub-fund*)	125	125
	Sittax il-*sub-fund* u iktar (għal kull *sub-fund*)	75	75.".